MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 263/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Micallef Keith**
**ID-61491-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hmistax-il ewro u tmienja u disghin centezmu (€315.98c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C50919363 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.IZY-1 u Dok.IZY-2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.IZY-3 – estratt mir-Registru

Elettorali, u Dok.IZY-4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u hmistax-il ewro u tmienja u disghin centezmu (€315.98c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------